MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Numru 1349/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Romina Veneziani)**

**vs**

**Mark Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mark Muscat iben Nazzareno u Concetta nee’ Gauci, mwieled Pieta’ nhar id-17 ta’ Lulju 1980, detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 376680 M u residenti 75, Triq San Enriku Sliema gie akkuzat:

Talli nhar it-24 ta' Mejju 2007, gewwa Triq Stuart, Gzira volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fuq il-bieb tar-residenza numru 60, Triq Stuart Gzira, propjeta ta' Carmen Sultana, liema hsarat hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) ghad-dannu tal-istess Stefan Briffa, u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hebb ghall-persuni ta' l-istess Carmen Sultana, Katya Muscat u Wayne Muscat u kkagunalhom feriti ta' natura hafifa u dan ai termini ta' l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MS 5 u nnutat li l-imputat m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum il-parte civile Carmen Sultana presenti fl-Awla iddikjarat li hi omm il-parte civile l-ohra Katya u Wayne Muscat li huma t-tfal taghha u li huma minuri taht is-sittax (16) il-sena.  Inoltre l-istess parte civile Carmen Sultana iddikjarat li hi oht l-imputat, li l-imputat hallasha dak kollu dovut rigward l-akkadut u iddikjarat ukoll li hi f' isimha u f' isem il-parte civile l-ohra qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.  L-istess parte civile talbet li tigi ezentata milli tixhed f' dawn il-proceduri stante li hi oht l-imputat liema talba giet milqugha mill-Qorti wara li l-Ufficjal Prosekutur ma opponix.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mark Muscat, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali tal-imputat u dak dikjarat mill-parte civile Carmen Sultana fis-Seduta tallum u riportat aktar qabel f' din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Mark Muscat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

In kwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi mputat Mark Muscat stante li l-parte civile Carmen Sultana fis-seduta tallum iddikjarat ukoll li hi f' isimha u f' isem il-parte civile l-ohra qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli u stante din it-tieni akkuza hi rinunzjabbli ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara rigward din l-imsemmija tieni akkuza procediment esawrit stante rinunzji.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Mark Muscat l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------